

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 16.2.2009
KUMM(2008) 49 finali/3

2008/0035 (COD)

Corrigendum :
annule et remplace le COM(2008)49 final et final/2.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-prodotti kożmetiċi

(riformolazzjoni)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Parti I

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. L-ISFOND TAL-PROPOSTA

Is-simplifikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kozmetiċi¹ ("**id-Direttiva tal-Kożmetiċi**") tħabbret fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Implimentazzjoni tal-Programm ta' Liżbona tal-Komunità: Strateġija għas-Simplifikazzjoni tal-Ambjent Regolatorju"² u fl-Istrateġija Politika Annwali tal-Kummissjoni għall-2007³.

Din il-proposta għandha **tliet għanijiet**:

- L-Għan Nru 1: Li jiġu eliminati l-inċertezzi u l-inkonsistenzi legali. Dawn l-inkonsistenzi huma r-riżultat tal-għadd kbir ta' emendi (sal-lum kien hemm 55) u n-nuqqas assolut ta' ġabra ta' definizzjonijiet. Dan l-għan jinkludi wkoll bosta miżuri biex jiffaċilitaw il-ġestjoni tad-Direttiva tal-Kożmetiċi fir-rigward tal-miżuri implimentattivi;
- L-Għan Nru 2: Li jiġu evitati d-diverġenzi fit-trasponiment nazzjonali li ma jikkontribwux għas-sikurezza tal-prodott iżda minflok iżidu mal-piż regolatorju u l-ispejjeż amministrattivi;
- L-Għan Nru 3: Li jiġi żgurat li l-prodotti kożmetiċi mqiegħda fis-suq tal-UE jkunu sikuri fir-rigward tal-innovazzjoni f'dan is-settur.

2. KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

Saret konsultazzjoni mal-partijiet interessati fit-12 ta' Jannar 2007 sas-16 ta' Marzu 2007. Il-Kummissjoni rċeviet 72 kontribut bi tweġiba għal din il-konsultazzjoni pubblika. Minnhom, 46 kienu mill-industrija (il-kimiċi fini, il-kożmetiċi u oħrajn⁴), 18 kienu minn awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, erbgħa minn akkademiċi/professjonisti tas-saħħa, tlieta minn konsumaturi u organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u wieħed minn organizzazzjoni tal-benessri tal-annimali. F'termini ta' reġjuni, seba' kontributi waslu minn assoċjazzjonijiet madwar l-UE, 15 mill-Ġermanja, disgħa minn Franza, tlieta kull wieħed mir-Renju Unit, l-Awstrija u l-Iżvezja, tnejn kull wieħed mil-Litwanja, il-Belġju/il-Lussemburgu, id-Danimarka, in-Norveġja, ir-Repubblika Ċeka, Spanja, il-Polonja u l-Irlanda, wieħed kull wieħed mill-Finlandja, Malta, l-Ungerija, l-Olanda, is-Slovenja, il-Greċja, is-Slovakkja, il-Latvja u l-Iżvizzera u sebgħa minn Pajjiżi Terzi mhux Ewropej.

B'mod ġenerali, il-konsultazzjoni kkonfermat li d-Direttiva tal-Kożmetiċi jeħtieġ tiġi riformulata u li ħafna mid-dispożizzjonijiet jeħtieġu jiġu ċċarati. Il-konsultazzjoni

¹ ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169, kif emendata.

² COM(2005) 535, 25.10.2005.

³ COM(2006) 122, 14.3.2006.

⁴ Inklużi bejjiegħa, manifatturi tal-makkinarju/tagħmir, spiżjara, l-industrija tax-xagħar u kumpaniji tal-branding.

tal-partijiet interessati saħqet ukoll li sabiex ikun żgurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem madwar l-UE u biex ikun żgurat suq intern għall-prodott kożmetiku, id-Direttiva tal-Kożmetiċi riformulata għandha tieħu s-sura ta' Regolament. F'termini tas-sikurezza, it-tweġibiet tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati saħqu dwar il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-responsabbiltà tal-manifattur għas-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi mqiegħda fis-suq.

Fl-Anness 1 hemm sinteżi tat-tweġibiet għar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt.

3. IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Il-Kummissjoni, abbażi tar-riżultati tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati u tliet studji li jevalwaw l-aspetti varji tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-kozmetiċi⁵, wettqet valutazzjoni tal-impatt tal-għażliet politiċi varji fl-ilħiq tal-għanijiet stipulati hawn fuq f'(1). Il-bord tal-valutazzjoni tal-impatt għall-Kummissjoni Ewropea⁶ vvalutaw abbozz ta' verżjoni ta' din il-valutazzjoni tal-impatt f'Awwissu 2007 u approvaha b'xi modifiki.

L-analiżi u t-tqabbil tal-għażliet varji u l-impatt tagħhom waslu għall-konklużjonijiet li ġejjin:

Fir-rigward tal-għan nru 1, il-valutazzjoni tal-impatt tappoġġja l-emendar tad-Direttiva tal-Kożmetiċi bħala l-uniku mezz effettiv biex jintlaħaq dan l-għan u għalhekk jitnaqqsu ħafna l-piżijiet regolatorji. Pereżempju, il-valutazzjoni tal-impatt turi potenzjal li jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi marbuta man-notifika liċ-ċentri tal-kontroll tal-veleni b'madwar 80 %. Il-kjarifika u s-simplifikar tad-dispożizzjonijiet varji – inklużi dawk dwar it-tikketti—jiffaċilitaw il-konformità mingħajr ma jikkompromettu s-sikurezza tal-prodott.

Fir-rigward tal-għan nru 2, il-valutazzjoni tal-impatt tappoġġja r-riformolazzjoni fl-għamla ta' Regolament. Dan huwa appoġġjat b'mod partikolari mill-fatt li d-Direttiva tal-Kożmetiċi hija dettaljata ħafna u ġiet emendata sikwit (minn madwar tlieta sa ħames darbiet fis-sens f'dawn l-aħħar snin). Għalkemm huma żgħar, id-differenzi fis-27 liġi nazzjonali ta' trasponiment joħolqu spejjeż addizzjonali għall-industrija mingħajr ma jikkontribwixxu għas-sikurezza tal-prodott.

Fir-rigward tal-għan nru 3, il-valutazzjoni tal-impatt tappoġġja li jintlaħaq bilanċ aħjar bejn “ir-responsabbiltà tal-manifattur” u “r-regolazzjoni preskruttiva tal-ingredjenti individwali”: Dan huwa element kruċjali, billi d-Direttiva tal-Kożmetiċi għadha msawra mill-kunċett oriġinali – li kien żviluppat 30 sena ilu – tar-regolazzjoni tas-sustanzi kollha użati fil-prodotti kożmetiċi “ingredjent b'ingredjent”. Illum huwa magħruf li dan l-approċċ biss mhuwiex biżżejjed biex jiżgura li l-prodotti kożmetiċi mqiegħda fis-suq ikunu sikuri. Minflok, ir-responsabbiltà tal-manifattur u l-aspetti ta' kontroll fis-suq jeħtieġ jissaħħu biex ikun garantit li l-prodotti minn dan is-settur innovattiv ikunu sikuri fil-futur. Dan jinkludi:

⁵ Dawn l-istudji indirizzaw il-karatteristiċi tal-industrija tal-kożmetiċi tal-UE, l-impatt tar-regolazzjoni tal-UE fuq is-sikurezza tal-konsumatur, u l-impatt tar-regolazzjoni tal-UE fuq il-kompetittività tal-industrija.

⁶ http://ec.europa.eu/governance/impact/iab_en.htm

- Rekwiżiti minimi ċari għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-kożmetiċi li mbagħad tiġi kkontrollata mis-sorveljanza tas-suq;
- Sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva ta' awtoritajiet kompetenti: Dan jimplika sistema ta' koordinament tal-Istati Membri fil-valutazzjoni tal-prodotti u l-informazzjoni ta' sostenn tagħhom, inklużi r-regoli għall-irtirar tal-prodotti;
- Obbligu fuq l-industrija li tirrapporta b'mod attivi l-effetti serji mhux mixtieqa lill-awtoritajiet kompetenti bħala parti minn mekkaniżmu ta' individwazzjoni bikrija tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem ikkawżati mill-prodotti kożmetiċi; u
- Rekwiżit ta' notifika li tingħata informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti kollha tas-suq intern permezz ta' portal ta' notifika wieħed'

L-iktar element importanti f'termini tal-impatt hija l-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi ċari għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-kożmetiċi. S'issa, id-Direttiva tal-Kożmetiċi ma kienx fiha prerekwiżiti legali ċari għall-kontenut ta' valutazzjoni tas-sikurezza tal-kożmetiċi. Dan wassal għal livell relattivament għoli ta' nuqqas ta' konformità. Rekwiżiti minimi ċari jżidu l-ispejjeż għall-kumpaniji li s'issa ma kellhomx valutazzjoni tas-sikurezza tal-kożmetiċi b'saħħitha qabel ma jqiegħdu l-prodott fis-suq.

Madankollu, il-valutazzjoni tal-impatt turi li hemm għadd ta' miżuri li jnaqqsu l-impatt ta' dan ir-rekwiżit. Pereżempju, iż-żieda fl-ispejjeż tista' titpatta sewwa mit-tnaqqis konsiderevoli fl-ispejjeż amministrattivi. Kull żieda residwali tista' tiġi ġġustifikata mill-vantaġġi tal-benefiċċji lil-konsumatur f'termini ta' valutazzjonijiet tas-sikurezza solidi li toffri din l-għażla.

4. IL-BAŻI LEGALI U S-SUSSIDJARJETA'

Id-Direttiva tal-Kożmetiċi hija bbażata fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE. Għandha l-għan li tistabbilixxi suq intern għall-prodotti kożmetiċi filwaqt li tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem.

Qabel l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kożmetiċi, id-dispożizzjonijiet stipulati mil-liġi, regolamenti jew azzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fl-Istati Membri varjaw minn Stat Membru għall-ieħor. Dawn id-differenzi bejn dawn il-liġijiet jobbligaw lill-industrija tal-kożmetiċi jvarjaw il-produttjoni tagħhom skont l-Istat Membru li għalih ikunu maħsubin il-prodotti. Konsegwentament, ir-regoli nazzjonali differenti jostakolaw il-kummerċ ta' dawn il-prodotti u, b'riżultat ta' dan, ikollhom effett dirett fuq l-istabbiliment u t-tħaddim tas-suq intern. Bi tweġiba għal dan, jeħtieġ li fil-livell tal-Komunità jiġu stabbiliti r-regoli li għandhom jiġu osservati f'dak li għandu x'jaqsam ma' kompożizzjoni, tikketti u imballaġġi tal-prodotti kożmetiċi. Dan l-għan jista' jintlaħaq biss b'effiċjenza limitata ħafna fil-livell nazzjonali.

Dan ir-raġunar għadu validu llum: l-azzjoni Komunitarja hija meħtieġa biex ma jkunx hemm frammentazzjoni tas-suq u biex ikun żgurat livell għoli u ndaqs ta' ħarsien tal-konsumatur Ewropew.

Id-Direttiva tal-Kożmetiċi tarmonizza b'mod eżawrjenti r-regoli dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem għall-prodotti kożmetiċi mqiegħda fis-suq Komunitarju.

Għalhekk, dan il-qafas legali jista' jinbidel biss minn azzjoni Komunitarja u hemm konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE.

5. KODIFIKAZZJONI TAL-55 EMENDA TAD-DIRETTIVA TAL-KOŻMETIĊI U L-ADOZZJONI TAT-TEST BĦALA REGOLAMENT

Id-Direttiva tal-Kożmetiċi ġiet emendata 55 darba. Il-proposta tgħaqqad flimkien dawn il-55 emenda f'test legali wieħed.

L-għażla tal-għamla legali hija dik ta' Regolament. Dan għandu jiffaċilita l-applikazzjoni armonizzata u jelimina l-bżonn tat-trasponiment tad-dispożizzjonijiet dettaljati ħafna tad-Direttiva tal-Kożmetiċi.

6. EMENDI SOSTANTIVI

Skont il-ftehim interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tal-metodu tar-riformolazzjoni għall-atti legali⁷, l-emendi sostantivi bil-griż.

Il-bidliet sostantivi jistgħu jitqassru kif ġej:

6.1. L-iffaċilitar tal-ġestjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-kożmetiċi

6.1.1. L-introduzzjoni ta' ġabra ta' definizzjonijiet

L-Artikolu 2 kif ukoll il-preambolu tal-Annessi II sa VI tal-proposta jintroduċu ġabra ta' definizzjonijiet. S'issa, id-Direttiva tal-Kożmetiċi prattikament ma fiha ebda definizzjoni legali. Dan iżid l-inċertezza legali u jżid iktar milli hemm bżonn l-ispejjeż u l-piżijiet għall-konformità. Il-proposta tiżgurta l-koerenza mad-definizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-moviment ħieles tal-prodotti – partikolarment fid-dawl tal-proposti għal qafas iktar komuni għal leġiżlazzjoni ta' approċċ ġdid⁸.

6.1.2. Glossarju tal-ismijiet tal-ingredjenti

L-Artikolu 28 tal-proposta jintroduċu sistema ffaċilitata biex jiġi aġġornat il-glossarju tal-ismijiet tal-ingredjenti. Dan il-glossarju essenzjalment se jieħu l-funzjoni tal-“inventorju tal-ismijiet tal-ingredjenti”, li kien diġà jinsab fid-Direttiva tal-Kożmetiċi⁹. Fih l-ismijiet tal-ingredjenti rilevanti kollha tal-kożmetiċi (madwar 10 000). L-ismijiet użati huma indipendenti minn kull lingwa nazzjonali u normalment huma ħafna iqsar mill-isem kimiku. Għalhekk, dawn l-ismijiet jgħinu biex titnaqqas il-ħtieġa għat-traduzzjoni tal-lista ta' ingredjenti fuq it-tikketta. Barra minn hekk, dawk l-ismijiet huma aċċettati mad-dinja kollha u dan jiffaċilita ħafna l-esportazzjoni għall-kumpaniji tal-UE u għalhekk itejjeb il-kompetittività esterna.

⁷ ĠU C 77, 28.03.2002, p. 1.

⁸ COM(2007) 53.

⁹ L-Artikoli 5a, 6 (1) (g), 7 (2) tad-Direttiva tal-Kożmetiċi.

6.2. It-tisħiħ ta' ċerti elementi biex tiġi garantita s-sikurezza tal-prodotti fil-ġejjieni

6.2.1. Valutazzjoni tas-sikurezza tal-kożmetiċi

L-Annex I tal-proposta tistipula r-rekwiżiti għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodott kożmetiku fir-rigward tal-kontenut.

Il-kunċett ta' valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodott kożmetiku mhuwiex wieħed ġdid. Id-Direttiva tal-Kożmetiċi diġà kien fiha r-rekwiżit li ssir valutazzjoni bħal din qabel ma l-prodott jitqiegħed fis-suq¹⁰. Madankollu, l-informazzjoni li għandu jkun fiha din il-valutazzjoni tas-sikurezza qatt ma ġiet speċifikata, bl-implikazzjoni Prattika li l-valutazzjoni tas-sikurezza qatt ma kellha r-rwol importanti li suppost kellha fil-qafas legali attwali.

Element kruċjali tar-riformolazzjoni huwa l-iċċarar ta' liema informazzjoni għandu jkun fiha valutazzjoni tas-sikurezza ta' prodott kożmetiku biex tagħti evidenza tas-sikurezza tal-prodott kożmetiku mqiegħed fis-suq.

6.2.2. It-tisħiħ tal-kontroll fis-suq

Ir-regolazzjoni tal-kożmetiċi fl-UE hija bbażata fuq il-kontrolli fis-suq. Għalhekk, huwa essenzjali li l-kontroll fis-suq ikun effettiv. Il-proposta ssaħħa ir-rwol u ttejjeb it-tħaddim tal-kontrolli fis-suq - partikolarment fid-dawl tal-livell dejjem ikbar ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Dan jimplika li ġej:

- L-Artikolu 4 tal-proposta jiddefinixxi l-persuna responsabbli għall-obbligi legali rilevanti. Din id-dispożizzjoni tindirizza wkoll ir-responsabbiltà f'każijiet fejn jiġu fornuti prodotti lill-konsumatur minn barra l-UE, pereżempju mill-internet.
- L-Artikolu 10 tal-proposta jintroduċi rekwiżit ta' notifika simplifikata, ċentralizzata u elettronika: In-notifika ta' ċerta informazzjoni dwar il-prodott imqiegħed fis-suq hija element kruċjali f'settur ibbażat fuq il-kontrolli fis-suq. S'issa, id-Direttiva tal-Kożmetiċi kien fiha żewġ rekwiżiti ta' notifika: waħda lill-awtoritajiet kompetenti u waħda liċ-ċentri tal-kontroll tal-veleni. Il-modalitajiet ivarja sewwa bejn l-Istati Membri u hemm bżonn ta' iktar minn reġistrazzjoni waħda.
- L-Artikolu 19 tal-proposta jintroduċi komunikazzjoni tal-informazzjoni fuq ċerti effetti mhux mixtieqa lill-awtorità kompetenti.
- L-Artikolu 20 tal-proposta jintroduċi l-possibiltà li l-awtorità kompetenti tinvestiga fuq bażi usa' l-firxa tal-użu ta' ċerti sustanzi.
- L-Artikoli 21, 23, 24 u 25 tal-proposta jintroduċu u jsaħħu r-regoli li japplikaw għal prodotti mhux konformi, inkluż dispożizzjonijiet iktar dettaljati dwar kooperazzjoni amministrattiva fis-sorveljanza tas-suq. Bħalissa, id-Direttiva tal-kożmetiċi ma tipprovdix għal dawn ir-regoli.

¹⁰ L-Artikolu 7a(1) tad-Direttiva tal-Kożmetiċi.

6.3. Sustanzi CMR

L-Artikolu 12(2) jintroduċi reġim differenzjat għal sustanzi kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew reprotossiċi (“CMR”).

Is-sustanzi CMR jiġu kklassifikati fuq il-bażi tal-karatteristiċi intrinsiċi tagħhom (“periklu”) mingħajr ma jitqies l-esponiment, jiġifieri l-użu fil-ġejjieni. Id-differenza bejn il-periklu u r-riskju jista’ jiġi spjegat l-aħjar b’eżempju: Iljun huwa “periklu” (jiġifieri ljun fih innifsu huwa perikoluż għall-bnedmin) iżda ljun mhuwiex neċessarjament “riskju” (eż. jekk ikun f’żoo bis-sigurtà, wara xatba u mitmugħ tajjeb).

Is-sustanzi CMR jiġu kkategorizzati fi 3 kategoriji, “1”, “2” u “3” fuq il-bażi tal-livell ta’ evidenza tal-karatteristiċi karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew reprotossiċi tagħhom¹¹.

S’issa, is-sustanzi CMR 1 u 2 ġew awtomatikament projbiti fil-prodotti kożmetiċi. Is-sustanzi CMR 3 ġew projbiti sakemm il-Kumitat Xjentifiku, fuq il-bażi ta’ dejta dwar l-esponiment, ma jsibx li s-sustanza tkun sikura għall-użu fil-kozmetiċi¹².

Il-projbizzjoni awtomatika mingħajr il-possibiltà ta’ eċċezzjoni għas-sustanzi CMR 1 u 2 fissret li r-regolazzjoni tal-kożmetiċi tiddependi minn klassifikazzjoni tal-periklu mingħajr ma jitqies l-esponiment u l-użu effettiv tas-sustanza. Dan jista’ jwassal għal sitwazzjonijiet assurdi. Eżempju riċenti – iżda mhux l-uniku wiehied – huwa l-etanol: l-etanol (jiġifieri alkoħol) jintuża ħafna fil-prodotti kożmetiċi. Fl-2006 ġie kkunsidrat għall-klassifika bħala sustanza CMR 1. Id-dossier għadu pendent. Il-klassifikazzjoni bħala sustanza CMR 1 ikollha impatt kbir ħafna fuq l-industrija tal-UE, mingħajr qatt ma jkun hemm il-possibiltà għall-industrija li ttipprova li l-użu tiegħu fil-prodotti kożmetiċi huwa sikur fuq il-bażi ta’ dejta dwar l-esponiment. Min-naħa l-oħra, din is-sustanza tista’ tintuża fl-ikel b’esponiment ħafna ogħla.

L-Artikolu 12(2) tal-proposta biħsiebu jipproponi reġim ta’ ġestjoni tar-riskju għal sustanzi CMR 1 u 2 li, soġġett f’kundizzjonijiet riġidi, l-użu ta’ dawn is-sustanzi jkun permess jekk jinstabu li huma sikuri mill-Kumitat Xjentifiku għall-Prodotti tal-Konsumatur.

6.4. Bidliet sostantivi oħra

Minbarra l-emendi stipulati fil-punti 6.1 sa 6.3, lill-proposta sarulha l-emendi sostantivi li ġejjin:

- L-Artikolu 7(1) tal-proposta jiċċara l-obbligu għall-persuna responsabbli li żżomm ir-rapport tal-prodott kożmetiku aġġornat.

¹¹ Kategorija 1: “Sustanzi magħrufa li huma karċinoġeniċi/mutaġeniċi/riprotossiċi għall-bniedem”; Kategorija 2: “Sustanzi li għandhom jitqiesu daqslikieku huma karċinoġeniċi/mutaġeniċi/riprotossiċi għall-bniedem”; Kategorija 3: “Sustanzi li jistgħu jkunu ta’ riskju għall-bniedem minħabba l-effetti possibbilment karċinoġeniċi/mutaġeniċi/riprotossiċi tagħhom iżda li għalihom m’hemmx informazzjoni disponibbli adegwata biex issir valutazzjoni sodisfaċenti.”

¹² L-Artikolu 4b tad-Direttiva tal-Kożmetiċi.

- Fl-Artikolu 8 tal-proposta, ir-referenza għal-livell xieraq ta' kwalifika għall-manifattur u l-importatur tħassret. Din il-kwistjoni issa hija indirizzata mir-rwol ikbar tar-rapport tas-sikurezza tal-prodott kożmetiku kif ukoll mill-adozzjoni ta' standard armonizzat għall-GMP.
- L-Artikoli 5(2) u 9(2) tal-proposta jipprovdu kjarifika tar-rwol tal-istandards armonizzati fil-qasam tal-prassi tajba tal-manifattura u t-teħid tal-kampjuni/analiżi tal-prodotti kożmetiċi.
- L-Artikolu 11(1)(d), (f) tal-proposta jiċċara li r-restrizzjonijiet għas-sustanzi fl-Anness IV (koloranti) u V (preservattivi) japplikaw ukoll jekk is-sustanza tiżdied mal-prodott għal skop differenti minn kolorant/preservatti.
- L-Artikolu 14(2) tal-proposta jintroduċi l-proċedura tal-Komitoloġija bi skrutinju għall-ġhoti ta' deroga mir-reġim tal-ittestjar fuq l-annimali.
- L-Artikolu 15(1)(a) tal-proposta jintroduċi l-possibilità li fuq it-tikketta jiġi enfasizzat l-indirizz tal-awtoritajiet kompetenti f'każijiet fejn ikun hemm bosta indirizzi indikati.
- L-Artikolu 15(1)(c) u l-punt 3 fl-Anness VII tal-proposta jintroduċi l-possibilità li d-data tad-durabilità minima tiġi indikata fuq it-tikketta permezz ta' piktogramma.
- Fl-Artikolu 15(1)(g) tal-proposta, tneħħiet il-possibilità li l-ingredjenti ma jidhrux fuq it-tikketta tal-prodott għal raġunijiet ta' segretezza kummerċjali. Din id-dispożizzjoni Prattikament qatt ma ġiet applikata fuq fil-prattika ma kellha ebda rwol.
- L-Artikolu 16(1), is-sottoparagrafu (2) tal-proposta jintroduċi l-possibilità li jsir użu minn standards armonizzati biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' klejms marbuta ma' prodotti kożmetiċi.
- L-Artikolu 22 tal-proposta jintroduċi proċedura ċara għall-applikazzjoni tal-klawżola ta' salvagwardja (ara l-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-kosmetiċi).
- L-Artikolu 26 tal-proposta jintroduċi u jiċċara r-regoli li japplikaw għall-emendar tal-Annessi tat-test.
- L-Artikolu 27(3),(4) tal-proposta jintroduċi l-proċedura ta' Komitoloġija bi skrutinju.
- L-Artikolu 31 tal-proposta jippermetti l-oġġezzjoni formali kontra l-istandards armonizzati.,
- L-Artikolu 32 tal-proposta jintroduċi l-obbligu għall-ismi li jadottaw dispożizzjonijiet dwar il-penali.
- L-Artikolu 33 u 34 tal-proposta jistabbilixxi r-regoli għar-revoka tad-Direttiva tal-Kosmetiċi, u d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tar-Regolament.

- L-Artikolu 8a u l-Anness V tad-Direttiva tal-Kożmetiċi tneħħew. Iż-żewġ dispożizzjonijiet ikkontradixxew il-prinċipju tal-eżawrjenza tad-Direttiva tal-kożmetiċi u fil-prattika ma kellhom ebda rwol.

7. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta tippjana li jitwaqqaf interface elettroniku ċentrali għan-notifka tal-prodotti lill-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri. L-implikazzjonijiet baġitarji huma diskussi fl-istqarrija finanzjarja leġiżlattiva annessa ma' din il-proposta.

8. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

8.1. Revoka tal-leġiżlazzjoni

L-adozzjoni tal-proposta se twassal għar-revoka ta' att legali bażiku wieħed, il-55 emenda tiegħu kif ukoll Direttiva tal-Kummissjoni implimentattiva waħda.

8.2. Iż-Żona Ekonomika Ewropea

Il-proposta tikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandha tkun estiża għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-prodotti kożmetiċi

**(riformolazzjoni)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

↓76/768/KEE (adattat)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni¹³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹⁴,

Wara li kunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regjuni¹⁵,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat¹⁶,

Billi:

↓ ġdid

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kozmetiċi¹⁷ għet emendata sostanzjalment bosta drabi. Billi għandhom isiru aktar emendi, għandha tiġi riformulata f'test wieħed fl-interess taċ-ċarezza.

¹³ ĠU C , , p. .

¹⁴ ĠU C , , p. .

¹⁵ ĠU C , , p. .

¹⁶ ĠU C , , p. .

¹⁷ ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bi [...].

- (2) Ir-riformolazzjoni għandha l-għan li tissimplifika l-proċeduri u t-terminoloġija sabiex b'hekk tnaqqas il-piżijiet u l-ambigwitajiet amministrattivi. Barra minn hekk, ir-riformolazzjoni ssahhaċi ċerti elementi tal-qafas regolatorju għall-kożmetiċi, bħall-kontrolli fis-suq, bil-għan li jiġi garantit livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem.
- (3) Riformolazzjoni f'Regolament hija l-aħjar strument legali billi jimponi regoli ċari u dettaljati li ma jagħtux lok għal trasponiment diverġenti mill-Istati Membri. Barra minn hekk, Regolament jiżgura li r-rekwiżiti legali jiġu implimentati fl-istess ħin fil-Komunità kollha.

↓76/768/KEE Premessa 1

- (4) ~~Billi d-dispożizzjonijiet stabbiliti b'liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva fis-seħħ fl-Istati Membri jiddefinixxu l-karatteristiċi tal-komposizzjoni li magħhom għandhom jikkonformaw il-prodotti kożmetiċi u jippreskrivu regoli għall-ittikkettjar tagħhom u għall-imballaġġ tagħhom; Dawn id-dispożizzjonijiet iwarjaw minn Stat Membru għall-ieħor.~~

↓76/768/KEE Premessa 2

- (5) ~~Billi d-differenzi bejn dawn il-liġijiet jobbligaw lill-produtturi tal-kożmetiċi tal-Komunità sabiex iwarjaw il-produzzjoni tagħhom skont l-Istat Membru li għalih ikunu maħsubin il-prodotti, billi, konsegwentament, dawn jostakolaw il-kummerċ ta' dawn il-prodotti u, b'riżultat, ikollhom effett dirett fl-istabiliment u t-tħaddim tas-suq komuni;~~

↓76/768/KEE Premessa 3

- (6) ~~Billi l-għan ewlieni ta' dawn il-liġijiet huwa l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u billi, b'riżultat, li jintlaħaq dan l-istess għan għandu jispira leġislazzjoni tal-Komunità f'dan is-settur; billi, iżda, dan l-għan għandu jintlaħaq permezz ta' mezzi li jagħtu kas ukoll tal-ħtiġiet ekonomiċi u teknoloġiċi;~~

↓76/768/KEE Premessa 4

- (7) ~~Billi hemm bżonn li jiġu stabbiliti fuq livell tal-Komunità r-regolamenti li għandhom jiġu osservati f'dak li għandu x'jaqsam ma' komposizzjoni, ittikkettjar u ppakkjar ta' prodotti kożmetiċi;~~

↓03/15/KE Premessa 1 (adattat)

- (8) ~~Id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE¹⁸ ☒ Dan ir-Regolament ☒ armonizza ☒ jarmonizza ☒ b'mod komprensiv il-liġijiet nazzjonali ☒ ir-regoli fil-Komunità sabiex jinkiseb suq intern għall-prodotti kożmetiċi filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' ☒ li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kożmetiċi u għandha bħala l-għan ewlieni tagħha l-protezzjoni tas-saħħa pubblika ☒ tal-bniedem ☒ . Għal dan il-għan, jissokta~~

¹⁸ ~~ĠU L 262, 27.7.1976. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/34/KE (ĠU L 102, 18.4.2002, p. 19).~~

~~jkun indispensabbli li jitwettqu ċerti testijiet tossikoloġiċi sabiex tiġi vvalutata s-sigurtà tal-prodotti kożmetiċi.~~

↓ 76/768/KEE Premessa 5
(adattat)

- (9) ~~Billi din id-Direttiva~~ ☒ Dan ir-Regolament ☒ ☒ għandu x'jaqsam ☒ ~~għandha x'taqsa~~ biss ma' prodotti kożmetiċi u mhux ma' ☒ prodotti mediċinali, tagħmir mediku jew prodotti bijoċidali. ☒ ~~speċjalitajiet farmaċewtiċi u prodotti mediċinali. Għal dan il għan hemm bżonn li jkun imfisser l-għan tad-Direttiva billi jiġi delimitat il-qasam tal-kożmetiċi minn dak ta' farmaċewtiċi. Din id-delimitazzjoni toħroġ b'mod partikolari mid-definizzjoni dettaljata ta' prodotti kożmetiċi, li tirreferi kemm għall-oqsma ta' applikazzjoni tagħhom u kemm għall-għanijiet tal-użu tagħhom. Din id-Direttiva ma hix applikabbli għall-prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' prodott kożmetiku iżda għal dawk li huma maħsubin esklussivament sabiex jipproteġu minn mard. Barra minn dan, huwa ta' min li jkun speċifikat li ċerti prodotti jaqgħu taħt din id-definizzjoni, billi prodotti li fihom sustanzi jew preparazzjonijiet maħsuba sabiex jinbelgħu, jinxtammu, jiġu injettati jew impijantati fil-ġisem uman ma jaqgħux taħt il-qasam ta' kożmetiċi.~~

↓ 76/768/KEE Anness I (adattat)
⇒ ġdid

- (10) ⇒ Il-valutazzjoni dwar jekk prodott huwiex prodott kożmetiku għandha tittieħed fuq il-bażi ta' valutazzjoni każ b'każ, bil-kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi kollha tal-prodott. Eżempji tipiċi għall-prodotti kożmetiċi jistgħu jinkludu ⇐ Crema, emulsjonijiet, lotions, ġels u żjut għall-ġilda (~~idejn, wiċċ, saqajn eċċ.~~), face masks (~~bl-eċċezzjoni ta' prodott ta' tqaxxir~~), bażijiet mogħtija kulur (likwidi, pastes, trab), trab tal-make-up, trab ta' wara l-banju, trab tal-iġjene, ~~eċċ.~~ sapun tal-banju, sapun deodorant, ~~eċċ.~~ fwejjaħ, fwejjaħ ta' wara l-banju u eau de cologne, preparazzjonijiet tal-banju u tax-xawer (imluħa, ragħwa, żjut, ġels, ~~eċċ.~~), prodotti tad-depilazzjoni, deodoranti u prodotti kontra l-għaraq, ~~prodotti ta' kura tax-xagħar: żebgħa~~ ☒ koloranti ☒ tax-xagħar u ~~bleaches~~, prodotti għal xagħar imġiegħed, lixx u sabiex jiffissaw ix-xagħar, prodotti tas-setting ☒ tax-xagħar ☒, prodotti ta' tindif ☒ tax-xagħar ☒ (lotions, trab u xampu), prodotti ta' conditioning ☒ tax-xagħar ☒ (lotions, crema, żjut), prodotti tax-xagħar (lotions, lacquers, brilliantini), prodotti tat-tqaxxir (crema, ragħwa, lotions, ~~eċċ.~~), ~~prodotti għal make-up u għat tneħħija ta' make-up mill-wiċċ u l-għajnejn~~ ☒ make-up u prodotti biex jitneħħa l-make-up ☒, prodotti maħsuba sabiex jiġu applikati fuq ix-xufftejn, prodotti għall-kura tas-snien u tal-ħalq, prodotti għall-kura u make-up tad-dwiefer, prodotti għall-iġjene intima esterna, prodotti għat-tixmix, prodotti biex tismar mingħajr ix-xemx, prodotti li jbjadu l-ġilda u prodotti kontra t-tikmix.

↓ 76/768/KEE Premessa 6 (ġdid)

- (11) ~~Fl-istat preżenti ta' riċerka, huwa ta' min li jiġu nklużi prodott kożmetiċi li jkun fihom sustanza waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness V mill-għan ta' din id-Direttiva.~~

↓ 76/768/KEE Premessa 7
(adattat)
⇒ ġdid

- (12) Il-prodotti kożmetiċi ~~ma għandhom~~ ☒ għandhom ☒ ikunu ta' ~~ħsara~~ ☒ sikuri ☒ f'kundizzjonijiet ta' użu normali jew ☒ li jistgħu jiġu raġonevolment ☒ imbassra. B'mod partikolari ☒ raġunament ta' riskju u benefiċċju ma għandux jiġġustifika riskju għas-saħħa tal-bniedem. ☒ ~~hemm bżonn li jinġhata kas tal-possibilità ta' perikolu f'żoni tal-ġisem li jmissu mal-parti fejn jiġi applikat;~~
- (13) ☒ Sabiex jiġu stabbiliti responsabbiltajiet ċari, kull prodott kożmetiċi għandu jkun marbut ma' persuna responsabli li tkun stabbilita fil-Komunità. ☒ ⇒ Huwa partikolarment bżonnjuż li jiġi determinat liema hija l-persuna responsabbli għall-prodotti kożmetiċi li jinbiegħu direttament lill-konsumatur mingħajr ma jintuża importatur. ⇐
- (14) ☒ Biex is-sikurezza tagħhom tkun garantita, il-prodotti kożmetiċi mqiegħda fis-suq għandhom jiġu manifatturati skont prassi tal-manifattura tajba. ☒
- (15) ☒ Għall-iskop tas-sorveljanza effiċjenti tas-suq, għandu jkun hemm fajl tal-informazzjoni ta' prodott aċċessibbli faċilment f'indirizz wieħed fil-Komunità għall-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun jinsab il-fajl. ☒
- (16) ☒ Sabiex ikun komparabbli u ta' kwalità għolja, ir-riżultati tal-istudji ta' sikurezza li mhux kliniċi u li saru għall-iskopijiet tal-valutazzjoni tas-sikurezza ta' prodott kożmetiku għandhom ikunu konformi mal-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti. ☒

↓ 93/35/KEE Premessa 4 (adattat)
⇒ ġdid

- (17) ~~Billi, rigward il-prodott kożmetiku lest, għandu jkun ċar liema informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet ☒ kompetenti ☒. li josservawhom kontinwament fuq il-post tal-manifattura jew tal-importazzjoni tal-bidu fis-suq tal-Komunità, billi dDik l-informazzjoni għandha tinkludi l-partikolaritajiet meħtieġa kollha dwar l-identità, il-kwalità, is-sikurezza għal saħħet il-bniedem u l-effetti li jgħidu li għandhom il-prodotti kożmetiċi. ☒ Din l-informazzjoni tal-prodott għandha tinkludi partikolarment rapport tas-sikurezza tal-prodott li juri li saret valutazzjoni tas-sikurezza. ☒~~
- (18) ☒ Biex ikunu żgurati applikazzjoni u kontroll uniformi tar-restizzjonijiet għas-sustanzi, it-teħid tal-kampjuni u l-analiżijiet għandhom isiru b'mod riproduċibbli u standardizzati. ☒

↓ 93/35/KEE Premessa 5 (adattat)
⇒ ġdid

- (19) ~~Billi, minkeja dan, Għal raġunijiet ta' ~~osservazzjoni kontinwa~~ ☒ sorveljanza effettiva tas-suq ☒ l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu ☒ notifikati ☒ informati~~ ⇒ b'ċerta informazzjoni dwar il-prodott kożmetiku mqiegħed fis-suq. ⇐ ~~bil-~~

~~post tal-manifattura u l-informazzjoni meħtieġa għal kura medika ta' malajr u xierqa fil-każ ta' diffikultajiet;~~

- (20) ☒ Sabiex ikun hemm trattament rapidu u xieraq fil-każ tad-diffikultajiet, l-informazzjoni meħtieġa dwar il-formola tal-prodott għandha tintbagħat liċ-ċentri tal-kontroll tal-veleni u lil korpi assimilati jekk ikun hemm ċentri bħal dawn stabbiliti mill-Istati Membri għal dan il-għan. ☒
- (21) ⇒ Sabiex il-piżijiet amministrattivi jinżammu f'livell baxx kemm jista' jkun, iż-żewġ notifiki għandhom jintbagħtu ċentralment lill-Komunità permezz ta' interface elettroniku. ⇐

↓ 83/574/KEE Premessa 2
(adattat)

- (22) ~~Billi, fuq il-bażi tar-riċerka xjentifika u teknika l-aktar riċenti, tista' ta' sustanzi awtorizzati bħala filtri ultraviolett tista' tkun stabbilita;~~
- (23) ☒ Il-prinċipju ġenerali tar-responsabbiltà tal-manifattur jew l-importatur għas-sikurezza tal-prodott għandu jiġi appoġġjat b'restrizzjonijiet ta' xi sustanzi fl-Annessi II u III. Barra minn hekk, is-sustanzi maħsuba li jintużaw bħala koloranti, preżervattivi u filtri tal-UV għandhom jiġu elenkati fl-Annessi IV, V u VI rispettivament sabiex ikunu permessi għal dawn l-użi. ☒
- (24) ☒ Biex ma jkunx hemm ambigwitatijiet, għandu jiġi ċċara li l-lista ta' koloranti permessi li tinsab fl-Anness IV tinkludi biss sustanzi li jagħtu l-kulur bl-assorbiment u r-riflessjoni u mhux sustanzi li jagħtu l-kulur bil-fotoluminexxenza, l-interferenza jew reazzjoni kimika. ☒

↓ ġdid

- (25) Biex jiġi indirizzat it-tħassib imqajjem dwar is-sikurezza, l-Anness IV, li bħalissa huwa ristrett għall-koloranti tal-ġilda, għandu jinkludi wkoll il-koloranti tax-xagħar ladarba l-valutazzjoni tar-riskju ta' dawn is-sustanzi tkun ġiet finalizzata mill-Kumitat Xjentifiku għall-Prodotti tal-Konsumatur (SCCP). Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibiltà li tinkludi l-koloranti tax-xagħar fl-ambitu ta' dan l-Anness bil-proċedura tal-Komitoloġija.

↓ 03/15/KE Premessa 13 (adattat)
⇒ ġdid

- (26) Fid-dawl ⇒ tal-karatteristiċi perikolużi ⇐ ~~tar-riskji speċjali~~ li s-sustanzi kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni ☒ (CMR) ☒, tal-kategoriji 1, 2 u 3, skont ☒ id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi¹⁹ ☒ ~~id-Direttiva 67/548/KEE jistgħu jinvolvu għas-saħħa tal-~~

¹⁹ ĠU 196, 16.8.1967, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata minn

~~oniedem, l-użu tagħhom għandu jiġi pprojbit fil-prodotti kożmetiċi. Sustanza kklassifikata fil-kategorija 3 tista' tintuża fil-kożmetiċi jekk is-sustanza tkun ġiet iwwalutata mis-SCNFP u mis-juba aċċettabbli għall-użu fil-prodotti kożmetiċi.~~
☒ Madankollu, billi karatteristika perikoluża ta' sustanza mhux neċessarjament timplika riskju, għandu jkun hemm il-possibilità li l-użu tas-sustanzi kklassifikati bħala sustanzi CMR 3 jkun permess jekk, fid-dawl tal-esponiment u l-konċentrazzjoni, ikunu nstabu li huma sikuri għall-użu fil-prodotti kożmetiċi mill-SCCP u jkunu rregolati mill-Kummissjoni fl-Annessi ta' dan ir-Regolament. ☒ ⇒ Fir-rigward ta' sustanzi li huma kklassifikati bħala sustanzi CMR 1 jew 2, għandu jkun hemm il-possibilità, fil-każ eċċezzjonali meta dawn is-sustanzi jkunu użati fl-ikel skont il-liġi u ma jkunux jeżistu sustanzi alternattivi xierqa, li dawn is-sustanzi jintużaw fil-prodotti kożmetiċi jekk dan l-użu jkun instab li huwa sikur mill-SCCP. Dawn is-sustanzi għandhom ikunu riveduti kontinwament mill-SCCP. ⇐

↓ 82/368/KEE Premessa 11
(adattat)

- ~~(27) Billi l-preżenza ta' traċċi ta' sostanzi li ma għandhomx ikunu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Anness II għad-Direttiva 76/768/KEE ☒ Sabiex tkun garantita s-sikurezza tal-prodott, is-sustanzi pprojbiti għandhom ikunu aċċettabbli biss f'livelli minuskoli (trace) jekk dan ikun ☒ hja teknoloġikament inevitabbli bi proċessi ta' fabrikazzjoni korretti ☒ u sakemm il-prodott ikun sikur ☒ ; billi għallhekk għandhom isiru ċerti dispożizzjonijiet f'dan il-lat,~~

↓ 03/15/KE Premessa 2 (adattat)

- (28) Il-Protokoll dwar il-protezzjoni u l-benesseri tal-annimali anness ~~bit-Trattat ta' Amsterdam~~ mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea jipprovdi li l-Komunità u l-Istati Membri għandhom iqisu sewwa l-ħtiġijiet tal-benesseri tal-annimali fl-implimentazzjoni tal-politiki Komunitarji, b'mod partikolari rigward is-suq intern.

↓ 03/15/KE Premessa 3 (adattat)

- (29) Id-Direttiva tal-Kunsill 86/609/KEE tal-24 ta' Novembru 1986 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-annimali użati għall-għanijiet sperimentali u għanijiet oħra xjentifiċi²⁰ stabbiliet regoli komuni rigward l-użu tal-annimali għal skopijiet sperimentali ġewwa l-Komunità u stabbiliet il-kundizzjonijiet li fuqhom dawn l-esperimenti jistgħu jitwettqu fit-territorju tal-Istati Membri. B'mod partikolari, l-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva jeħtieġ li l-esperimenti fuq l-annimali jiġu mibdula b'metodi alternattivi, meta jeżistu dawn il-metodi u jkunu xjentifikament sodisfaċenti. Sabiex jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u l-użu tal-metodi alternattivi fis-settur tal-kożmetika li ma jużawx annimali ħajjin, iddaħħlu dispożizzjonijiet speċifiċi bid-Direttiva tal-Kunsill 93/35/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 li temenda għas-sitt darba d-Direttiva 76/768/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kozmetiċi²¹.

²⁰ ĠU L 358, 18.12.1986, p. 1.

²¹ ĠU L 151, 23.6.1993, p. 32.

~~Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw biss il-metodi alternattivi li ma jużawx annimali u ma jqisux il-metodi alternattivi żviluppati sabiex inaqqsu n-numru tal-annimali wżati għall-esperimenti u sabiex inaqqsu s-sofferenza tagħhom. Għalhekk, sabiex joffru l-protezzjoni ottimali lill-annimali wżati sabiex jiġu ttestjati l-prodotti kożmetiċi sakemm jiġu implimentati l-projbizzjoni tat-testijiet fuq l-annimali għall-prodotti kożmetiċi u l-marketing tal-prodotti kożmetiċi minn annimali ttestjati fil-Komunità, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu emendati sabiex jipprovdu l-użu sistematiku tal-metodi alternattivi, li jnaqqsu n-numru tal-annimali wżati jew inaqqsu s-sofferenza kkaġunata, f'dawk il-każijiet fejn għadhom mhux disponibbli alternattivi ta' bdil fis-sħiħ, kif ipprovdut bl-Artikolu 7(2) u (3) tad-Direttiva 86/609/KEE, meta dawn il-metodi joffru lill-konsumaturi livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak tal-metodi konvenzjonali li jkunu maħsuba sabiex jeħduhom post dawn tal-aħħar.~~

↓03/15/KE Premessa 5 (adattat)

- (30) ~~Korrentement, il-metodi alternattivi biss li huma vvalidati xjentifikament miċ-Ċentru Ewropew tal-Validazzjoni tal-Metodi Alternattivi (ECVAM) jew l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) u li japplikaw għas-settur kollu tal-kożmetika li huma adottati b'mod sistematiku fil-livell Komunitarju. Madankollu, l-is-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi u tal-ingredjenti tagħhom tista' tiġi żgurata permezz tal-użu ta' metodi alternattivi li ma japplikawx bi-ħtieġa għall-użi kollha tal-ingredjenti kimiċi. Għalhekk, għandu jitmexxa l-quddiem l-użu ta' dawn il-metodi mill-industrija kożmetika kollha u għandha tiġi żgurata l-adozzjoni tagħhom fil-livell Komunitarju, meta dawn il-metodi joffru livell ekwivalenti għall-protezzjoni tal-konsumaturi.~~

↓03/15/KE Premessa 6 (adattat)

⇒ ġdid

- (31) Is-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi mlestija tista' diġà tiġi żgurata fuq il-bażi tal-għerf dwar is-sikurezza tal-ingredjenti li jkun fihom. Għalhekk, ⇒għandu jkun hemm⇐ dispożizzjonijiet li jipprojbixxu t-testijiet bl-annimali tal-prodotti kożmetiċi mlestijajistghu jiġu inkorporati fid-Direttiva 76/768/KEE. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida sabiex tiffaċilita ☒ L ☒l-applikazzjoni, b'mod partikolari mill-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, tal-metodi li ma jinvolvux l-użu tal-annimali sabiex jistmaw is-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi mlestija ☒ tista' tiġi ffaċilitata mill-linji gwida tal-Kummissjoni ☒.

↓03/15/KE Premessa 7 (adattat)

- (32) Għandu jsir bil-mod il-mod possibbli li tiġi żgurata s-sikurezza tal-ingredjenti wżati fil-prodotti kożmetiċi bl-użu tal-metodi alternattivi li ma jużawx l-annimali, ivvalidati fil-livell Komunitarju, jew approvati bħala vvalidati xjentifikament, ☒ miċ-Ċentru Ewropew għall-Validazzjoni tal-Metodi Alternattivi (ECVAM) ☒ ~~miċ-ECVAM~~ u b'rigward mistħoqq għall-iżvilupp tal-validazzjoni ġewwa ☒ l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) ☒ ~~l-OECD~~. Wara li tikkonsulta l-Kumitat Xjentifiku tal-Prodotti Kożmetiċi u tal-Prodotti Mhux tal-Ikel maħsuba għall-Konsumaturi (SCCNFP) ☒ l-SCCP ☒rigward kif jistgħu jiġu applikati l-metodi alternattivi vvalidati fil-kamp tal-prodotti kożmetiċi, il-Kummissjoni għandha

minnufih tippubblika l-metodi vvalidati jew approvati kkonoxxuti bħala li japplikaw għal dawn l-ingredjenti. Sabiex jinkiseb l-ogħla grad possibbli tal-protezzjoni tal-annimali, għandha tiġi ffixxata temma taż-żmien għad-dħul ta' projbizzjoni definittiva.

↓03/15/KE Premessa 8 (adattat)

- (33) Il-Kummissjoni ~~għandha tistabbilixxi~~ ☒ stabbiliet ☒ l-iskedi taż-żmien tal-iskadenzi għall-projbizzjoni tal-marketing tal-prodotti kożmetiċi, tal-formolazzjoni finali, tal-ingredjenti jew tal-għaqdiet tal-ingredjenti li jkunu ġew ittestjati fuq l-annimali, u għall-projbizzjoni ta' kull test li bħalissa jitwettag bl-użu tal-annimali, ☒ sal-11 ta' Marzu 2009 ☒ ~~sa massimu ta' sitt snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva~~. Madankollu, bil-ħsieb ~~tal-fatt illi għad ma jeżistu l-ebda alternattivi taħt konsidrazzjoni~~ għat-testijiet li jirrigwardaw it-tossiċità tad-doża mtennija, tat-tossiċità riproduttiva u tat-tossikokinetika, huwa approprijat li l-iskadenza massima taż-żmien għall-projbizzjoni tal-marketing tal-prodotti kożmetiċi li għalihom jintużaw dawn it-testijiet tkun ☒ il-11 ta' Marzu 2013 ☒ ~~ta' 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva~~. Fuq il-bażi tar-rapporti annwali, il-Kummissjoni għandha tiġi awtorizzata li taddatta l-iskedi taż-żmien ġewwa l-limiti taż-żmien massimi rispettivi msemmija hawn fuq.

↓03/15/KE Premessa 9 (adattat)

- (34) Il-kordinament aħjar tar-riżorsi fil-livell Komunitarju għandu jikkontribwixxi għaż-żieda fil-għerf xjentifiku indispensabbli għall-iżvilupp tal-metodi alternattivi. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li l-Komunità tissokta u żżid l-isforzi tagħha u tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tippromwovi r-riċerka u l-iżvilupp ta' metodi alternattivi ġodda li ma jużawx l-annimali b'mod partikolari ~~fis-Sitt fil-Programmi ta' Qafas~~ ☒ għar-riċerka ☒ ~~kif iddikjarat fid-Deċiżjoni Nru 1513/KE/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²²~~.

↓03/15/KE Premessa 10 (adattat)

- (35) Għandu jiġi inkoraġġit il-konoxximent minn pajjiżi ☒ terzi ☒ ~~mhuq membri~~ tal-metodi alternattivi żviluppati fil-Komunità. Sabiex jiksbu dan il-għan, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi approprijati kollha sabiex jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni ta' dawn il-metodi mill-OECD. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hiltħa wkoll, fil-kwadru tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni tal-Komunità Ewropea, li tikseb il-konoxximent tar-riżultati tat-testijiet tas-sikurezza mwettqa fil-Komunità bl-użu ta' metodi alternattivi sabiex tiżgura li l-esportazzjoni tal-prodotti kożmetiċi li għalihom kienu ntużaw dawn il-metodi ma tiġix imfixkla u li tipprevjeni jew tevita lill-pajjiżi ☒ terzi ☒ ~~mhuq membri~~ milli jeħtieġu t-tennija ta' dawn it-testijiet li jużaw l-annimali.

↓ 93/35/KEE Premessa 3 (adattat)

- (36) ~~Bili~~ Hija meħtieġa trasparenza akbar fir-rigward tal-ingredjenti użati fil-☒ prodotti ☒ kożmetiċi, ~~jekk dawn tal-aħħar għandhom jitqiegħdu fis-suq mingħajr~~

²² ~~ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1.~~

~~xi proċedura minn qabel, jekk l-informazzjoni meħtieġa fuq il-prodott lest għandha tkun disponibbli unikament fil-post tal-manifattura jew tal-importazzjoni tal-bidu fil-Komunità u jekk informazzjoni aħjar għandhiex tingħata lill-konsumatur; billi Din it-trasparenza għandha tinkiseb bl-indikazzjoni tal-funzjoni tal-prodott u tal-ingredjenti użati fi prodott kożmetiku fuq l-imballaġġ tiegħu; u billi Ffejn għal raġunijiet prattiċi huwa impossibbli li jindikaw l-ingredjenti u xi avvertenzi dwar l-użu fuq il-kontenitur jew l-imballaġġ, dawn il-partikularitajiet għandhom ikunu magħluqa mal-prodott hekk li l-konsumatur jista' jkollu aċċess għal ☒ din ☒ l-informazzjoni kollha meħtieġa;~~

↓ 93/35/KEE Premessa 2 (adattat)

- (37) ~~Billi jidher ċar li huwa mixtieq li data fuq l-ingredjenti użati fil-prodotti kożmetiċi tingħabar sabiex il-kwistjonijiet kollha relatati mal-użu tagħhom u l-azzjoni li tirriżulta fil-livell tal-Komunità tista' tiġi assessjata bil-ħsieb, b'mod partikulari, tat-twaqqif ta' katalogu komuni tal-ingredjenti użati fil-prodotti kożmetiċi; billi l-għir ta' dik id data jista' jitħaffef jekk il-Kummissjoni tiġbor inventarju tal-ingredjenti relatati; ☒ Għandu jiġi kompilat glossarju ta' ismijiet komuni tal-ingredjenti mill-Kummissjoni biex ikun hemm tikketti uniformi u biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni tal-ingredjenti tal-kożmetiċi. ☒ billi dak l-inventarju ☒ Dan il-glossarju ma għandux ikun intiż li ☒ se jkun indikattiv u mhux intiż li jikkostitwixxi elenku limitattiv ta' sustanzi użati fil-prodotti kożmetiċi;~~

↓ 03/15/KE Premessa 14 (adattat)

- (38) Sabiex jiġi mtejjeb it-tagħrif ipprovdut lill-il-konsumaturi ☒ jiġu infurmati ☒, il-prodotti kożmetiċi għandhom iġorru indikazzjonijiet ~~iktar~~ preċiżi ☒ u li jinftiehem faċilment ☒ li jirrigwardaw it-tul taż-żmien tal-użu tagħhom.

↓ 03/15/KE Premessa 15 (adattat)

⇒ ġdid

- (39) ☒ L-SCCP identifikat numru ta' sustanzi li x'aktarx jikkawżaw reazzjonijiet allerġeniċi u jkun meħtieġ li jiġi ristrett l-użu tagħhom u/jew li jiġu imposti ċerti kundizzjonijiet li jirrigwardawhom. ☒ ~~Ċerti sustanzi ġew identifikati bħala kawża importanti tar-reazzjonijiet tal-allerġija bil-kuntatt fil-konsumaturi sensitivi għall-fwieħa. Sabiex jiġi żgurat li dawn il-konsumaturi jiġu mgħarrfa adegwatament, huwa għalhekk meħtieġ li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/768/KEE sabiex jeħtieġu illi il-preżenza ta' dawn is-sustanzi ☒ għandha ☒ tissemma fil-lista tal-ingredjenti. Dan it-tagħrif għandu jtejjeb id-dijanjosi tal-allerġiji bil-kuntatt fost dawn il-konsumaturi u għandu jgħinhom li jevitaw l-użu tal-prodotti kożmetiċi li ma jifilhx jittolleraw.~~
- (40) ☒ Il-konsumatur għandu jkun imħares minn stqarrijiet qarrieqa dwar l-effikaċja u karatteristiċi oħra tal-prodotti kożmetiċi. ☒ ⇒ Sabiex jiġu indirizzati stqarrijiet speċifiċi dwar il-karatteristiċi tal-prodotti kożmetiċi, għandu jkun hemm il-possibbiltà li jintużaw standards armonizzati. ⇐

↓03/15/KE Premessa 11 (adattat)

- (41) Għandu jkun possibbli li ssir pretensjoni dwar prodott kożmetiku li ma ġie mwettaq l-ebda test fuq l-annimali fejn jidħol l-iżvilupp tal-prodott. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, ~~għandha tiżviluppa~~ ☒ żviluppat ☒ linji gwida sabiex tiżura li jiġu applikati kriterji komuni fl-użu tal-pretensjonijiet u li jintlaħaq ftehim allineat tal-pretensjonijiet, u b'mod partikolari li dawn il-pretensjonijiet ma jqarrqux bil-konsumatur. Fl-iżvilupp ta' dawn il-linji gwida, il-Kummissjoni ~~għandha~~ ~~tejs~~ ☒ qieset ☒ ukoll il-fehmiet tal-ħafna intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jagħmlu l-maġġoranza tal-produtturi tat-"testijiet mingħajr annimali", l-organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, u l-ħtieġa li l-konsumaturi jkunu kapaċi jagħmlu distinzjonijiet prattiċi bejn il-prodotti fuq il-bażi tal-kriterji tat-testijiet fuq l-annimali.
- (42) ☒ Barra mill-informazzjoni fuq it-tikketta, il-konsumaturi għandha tingħatalhom il-possibbiltà li jitolbu ċerta informazzjoni marbuta mal-prodotti mill-persuna responsabbli sabiex jagħmlu għażliet infurmati fost il-prodotti. ☒

↓76/768/KEE Premessa 8

- ~~(43) B'mod partikolari, l-istabbiliment tal-metodi ta' analiżi flimkien ma' modifikazzjonijiet jew żjidiets possibbli li jista' jkun hemm b'żonn li jsirulhom fuq il-bażi tar-riżultati ta' riċerka xjentifika u teknika, huma miżuri implimentattivi ta' natura teknika; Huwa ta' min jafda l-adozzjoni tagħhom lill-Kummissjoni, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet speċifika f'din id-Direttiva, għall-għan li tiġi simplifikata u mgħaġġla l-proċedura;~~

↓ ġdid

- (44) Tinħtieġ sorveljanza effettiva tas-suq sabiex id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu rispettati. Għal dan il-għan, l-effetti serji li mhux mixtieqa għandhom jiġu notifikati u l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jitolbu, mingħand il-persuna responsabbli, lista tal-prodotti kożmetiċi li jkunu qajmu dubji serji fir-rigward tas-sikurezza.
- (45) Fil-każ tan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament, tista' tinħtieġ proċedura ċara u effiċjenti għall-irtirar u l-ġbir lura tal-prodotti. Kull fejn ikun possibbli, din il-proċedura għandha tissejjes fuq ir-regoli Komunitarji eżistenti għal prodotti perikolużi.

↓ 76/768/KEE Premessa 11
(adattat)

- (46) ☒ Sabiex jiġu indirizzati prodotti li, għalkemm ☒ ~~jista' jiġri li għalkemm jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' ☒ dan ir-Regolament ☒ din id-Direttiva u tal-Annessi tagħha, prodotti kożmetiċi mqiegħda fis-suq jistgħu jpoġġu fil-perikolu s-saħħa ☒ tal-bniedem ☒ pubblika, ☒ , għandha tiġi introdotta proċedura ta' salvagwardja. ☒ Huwa għalhekk ta' min jipprova għal proċedura maħsuba sabiex tneħħi dan il-perikolu;~~

↓ ġdid

- (47) Sabiex tikkonforma mal-prinċipji tal-prassi amministrattiva tajba, kull deċiżjoni minn awtorità kompetenti fil-qafas tas-sorveljanza tas-suq għandha tiġi sostanzjata.
- (48) Sabiex ikun hemm kontrolli effiċjenti fis-suq, jinħtieġ livell għoli ta' kooperazzjoni amministrattiva fost l-awtoritajiet ta' infurzar. Dan jikkonċerna partikolarment l-għajnuna reċiproka fil-verifika tal-fajls tal-informazzjoni ta' prodott li jkunu jinsabu fi Stat Membru ieħor.
-

↓ 76/768/KEE Premessa 10

- (49) ~~Hemm bżonn, fuq il-bażi ta' riċerka xjentifika u teknika, li jiġu stabbiliti proposti għal listi ta' sustanzi awtorizzati li jistgħu jinkludu antioksidanti, żebgħa tax-xagħar, preservattivi u filtri tal-ultravjola, waqt li jinġhata kas b'mod partikolari tal-problema ta' sensitizzazzjoni.~~
-

↓ 76/768/KEE Premessa 9
(adattat)

- (50) ~~Il-progress tekniku jeħtieġ addattament ta' malajr tad-dispożizzjonijiet tekniċi definiti f'din id-Direttiva u f'Direttivi sussegwenti f'dan il-qasam. Huwa ta' min, sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa għal dan il-għan, li jkun provdut għal proċedura li tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Komitat għal addattament għal progress tekniku ta' Direttivi maħsuba għat-tneħħija ta' ostakoli tekniċi għal kummerċ fis-settur ta' prodotti kożmetiċi.~~
-

↓ ġdid

- (51) Il-Kummissjoni għandha tkun meġhjuna mill-SCCP, korp indipendenti għall-valutazzjoni tar-riskju.
- (52) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni kkonferiti fuq il-Kummissjoni²³.
- (53) B'mod partikolari, għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadatta l-Annessi ta' dan ir-Regolament skont il-progress tekniku. Billi daww il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

²³ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

- (54) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuażivi.
